MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 336/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Conrad Meilaq**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Ottubru 2007 li permezz taghha dil il-qorti pprovdiet fil-konfront ta’ Conrad Meilaq wara li l-Ufficjal tal-*Probation* li kien qed jissorvelja lill-istess Meilaq iddenunzja ksur ta’ kondizzjoni tal-Ordni ta’ *Probation* li tahtu dana kien tqieghed.

**2.** Conrad Meilaq tressaq b’att ta’ citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat b’pussess (semplici) kontra l-ligi tad-droga erojina. Fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2006 quddiem dik il-qorti, Meilaq ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu, u l-qorti, b’sentenza moghtija f’dik l-

istess gurnata, wara li ddikjaratu hati, poggietu taht il-harsien ta’ Ufficjal tal-*Probation* ghal periodu ta’ sentejn.

**3.** Fost il-kundizzjonijiet annessi ma’ l-Ordni ta’ *Probation* (ara fol. 9 ta’ l-atti tal-appell numru 336/07) hemm is-segwenti:

**“(1) Li hu ghandu jgib ruhhu tajjeb u jghaddi hajja ta’ bzulija…”**

**4.** Fl-4 ta’ Awissu 2006 l-Ufficjal tal-*Probation* John Testa iddenunzja lill-*probationer* Conrad Meilaq ghal diversi ragunijiet li lkoll jammontaw in sostanza ghal li l-istess *probationer* ma kienx qed igib ruhhu tajjeb. In fatti, l-imsemmi Ufficjal fisser fin-nota tieghu li Meilaq ma riedx izomm ruhhu f’kuntatt mal-*Caritas* biex jiehu l-kura mehtiega sabiex johrog mill-vizzju tad-droga kif kien qed jinsisti mieghu li jaghmel l-Ufficjal tal-*Probation*; u meta Meilaq gie rinfaccjat bil-konsegwenzi ta’ eghmilu – cioe` li hu kien qed jirrifjuta kull ghajnuna biex jeghleb il-problema tad-droga – huwa wiegeb lis-Sur Testa li hu “ma jibzax mill-Qorti”. Fl-udjenza tal-14 ta’ Settembru 2006 il-Qorti tal-Magistrati specifikatament ordnat lil Meilaq li jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni mal-*Caritas* jew ma’ xi agenzija ohra, sia jekk residenzjali sia jekk le, u ddifferiet id-denunzja ghall-20 ta’ Novembru 2006.

**5.** Intant fl-24 ta’ Ottubru 2006, l-Ufficjal tal-*Probation* John Testa ippresenta rapport bil-miktub mnejn jirrizulta, fost affarijiet ohra, li ghalkemm Meilaq beda jattendi seduti ta’ *counselling* xorta baqa’ jirrifjuta li jaghmel kuntatt mal-*Caritas*. Ir-rapport jaghti wiehed x’jifhem ukoll li Meilaq kien rega’ beda jabbuza mid-droga. Fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2006, il-*probationer* gie ordnat mill-Qorti Inferjuri sabiex “kull meta jitolbu l-*Probation Officer*…jipprezenta *urine sample*…”. John Testa rega’ xehed fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007, u dan fisser li test minnhom tal-urina li kien sar ta rizultat pozittiv ghal *opiates*, u li Meilaq kien ghadu mhux qed izomm kuntatt regolari mal-*Caritas.* Fl-ahharnett, fl-udjenza tal-4 ta’ Ottubru 2007, il-Qorti Inferjuri, wara li regghet semghet lill-Ufficjal tal-*Probation* ipprovdiet dwar id-denunzja billi,

wara li invokat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, halliet fis-sehh l-Ordni ta' *Probation* u ikkundannat lil Conrad Meilaq tlett xhur prigunerija.

**6.** Minn din id-decizjoni appellaw kemm l-Avukat Generali, b'rikors datat 12 ta' Ottubru 2007, kif ukoll Conrad Meilaq b'rikors li jgib id-data 16 ta' Ottubru 2007.

**7.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu bazikament li l-ewwel qorti applikat il-ligi hazin, ghax flok ma applikat ghall-kaz in dizamina l-Artikolu 21 tal-Kap. 446, erroneament applikat l-Artikolu 23. Min-naha tieghu Conrad Meilaq jikkontendi li hu kien qieghed jobdi rigorozament il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation* u li fejn huwa "kiser xi kundizzjoni dan ma kienx b'kapricc izda minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom". Hu jghid li fic-cirkostamzi kollha tal-kaz hu ma kellux jigi kkundannat tlett xhur prigunerija, u ghalhekk talab ir-revoka tad-decizjoni tal-4 ta' Ottubru 2007.

**8.** Din il-Qorti hadet l-izbriga li fl-udjenza tal-bierah terga' tisma lill-Ufficjal tal-*Probation* John Testa. Mid-deposizzjoni tieghu jidher car li l-*probationer* konsistentement kiser il-kundizzjoni aktar 'l fuq indikata – cioe` "li hu ghandu jgib ruhhu tajjeb" – u dan principalment billi bir-rifjut tieghu li joqghod ghad-direttivi tal-Ufficjal tal-*Probation* huwa ghadu mhux biss mahkum mill-problema tad-droga izda ghandu wkoll taht l-effett dirett taghha. Issa, kif gustament josserva l-Avukat Generali fir-rikors tieghu, ghall-ksur ta' kundizzjoni ta' Ordni ta' *probation* japplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 u mhux l-Artikolu 23 – dan ta' l-ahhar japplika biss meta jkun hemm sejbien ta' htija fir-rigward ta' reat li jkun sar matul il-periodu tal-Ordni ta' *Probation*, li ma hux il-kaz odjern. Fil-kaz ta' ksur tal-kundizzjoni ta' Ordni ta' *Probation* hu applikabbli l-Artikolu 21, li fi kwalunkwe kaz jipprovdi li l-qorti tista' taghmel wahda minn zewg affarijiet: (i) jew thalli fis-sehh l-ordni ta' *probation* u semplicement timponi ammenda ta' mhux izjed minn mitt lira, jew (ii) titratta mal-*probationer* ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja b'kull mod kif setghet titratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati ghar-reat jew reati li ghalih jew ghalihom

huwa kien originarjament tpogga taht Ordni ta’ *Probation*. Minn kull aspett, ghalhekk, id-decizjoni ta’ l-ewwel qorti ma kinitx skond il-ligi, u l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt.

**9.** Kwantu ghall-appell ta’ Conrad Meilaq, ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, huwa kjarament fl-interess ta’ Meilaq li huwa jinghata l-ghajnuna f’ambjent ikkontrollat peress li m’ghandux motivazzjoni bizzejjed biex jaghmel dak l-isforz mehtieg biex ikun jista jintraprendi programm ta’ riabilitazzjoni; u ghalhekk certament mhux indikata f’dan il-kaz is-semplici ammenda bil-kontinwazzjoni fis-sehh tal-Ordni ta’ *Probation*.

**10.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appelli interposti bil-mod segwenti: (**a**) tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi; (**b**) tirrespingi l-appell ta’ Conrad Meilaq in kwantu dan qed jitlob li din il-Qorti “tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija u tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu”; u (**c**) wara li rat l-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446, kif ukoll r-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u l-Artikolu 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, tiddeciedi li titratta ma’ Conrad Meilaq ghar-reat li dwaru huwa kien originarjament akkuzat u dikjarat hati, u ghalhekk tikkundannah ghall-piena ta’ tnax-il xahar prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda li matul il-periodu tieghu ta’ inkarcerazzjoni il-hati jinghata l-ghajnuniet kollha sabiex huwa jkun jista’ jibda programm ta’ riabilitazzjoni mill-problema tieghu ta’ dipendenza fuq id-droga. Komunika immedjata ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------